MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2014

Numru. 630/2014

**Il-Pulizija**

**(Spt. James Grech)**

**(Spt. Jason Francis Sultana)**

**vs**

**Aaron Bartolo**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Aaron Bartolo** ta’ 29 sena, bin Andrew u Concetta nee’ Belli, imwieled Pieta’ nhar il-21 t’ Ottubru 1984, residenti Maria Flt 1, Triq il-Mitjar Ta’ Qali, Mosta u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 512084M:

Akkuzat talli nhar it-3 ta’ Lulju, 2014 ghal habta tal-2300hrs gewwa Triq San Pawl tas-Sliema:

1. Bil-hsieb li jaghmel delitt ta’ serq, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta’ bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu, liema serq, kieku sar kien ikun ikkwalifikat bil-mezz, bil-hin u kif ukoll bil-valur li ma jeccedix l-ammont ta’ €2,329.37;

2. aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal anqas minn €116.47 ghad-detriment ta’ Andra-Camelia Llasi u/jew ta’ persuna/persuni u/jew entita’ jew entitajiet ohra;

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika ukoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta ghas-sigurta’ ta’ Andra-Camelia Llasi, Llluliana Nica u Carmelo Carmelius Camilleri;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-ewwel seduta tal-kumpilazzjoni;

Rat l-atti kollha tal-kawza u stante ammissjoni l-akkuzi jirrizultaw pruvati;

Wara li rat l-artikoli 261 (b)(c) u (f), 263, 267, 270, 278, 279, 281, 41 u 325(c) tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta;

Rat il-fedina penali tal-imputat;

Tikkundanna lill-imputat ghal-terminu ta’ prigunerija ta’ zmien sena (1) mill-lum liema terminu ma jiddekorrix hlief jekk l-imputat jikkometti rejat iehor punibbli bi prigunerija fi zmien sentejn (2) mill-lum skond l-artikolu 28A tal-Kap 9 oltre li tobbliga lill-imputat li bl-ebda mod ma jdejjaq jew jimmolesta lill Andra-Camelia Llasi, Lluliana Nica u Carmelo Carmelius Camilleri fuq penali ta’ €500 fin-nuqqas ghal zmien sena skond l-artikoli 383 sa 385 tal-Kap 9;

Il-Qorti ghaddiet biex tfisser lill-imputat l-obbligi tieghu naxxenti minn din is-sentenza;

Stante li l-prosekuzzjoni ma kellhiex il-kunsens tal-avukat generali sabiex il-kawza tkun trattata u deciza bil-procedura sommarja, tordna li l-atti jintbaghatu lill-avukat generali fi zmien li trid il-ligi.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------